**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Kongunt Nru : 273/17AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin 1985 (Certifikat taz-Zwieg anness Dok A);

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 7 ta' Lulju 2009 (Kopja annessa Dok B);

Illi l-partijiet ghandhom zewg ulied, li huma maggorenni;

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Joseph Spiteri bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi, u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onor. Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awwissu, 2017;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma wegibx u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Lulju 2009;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.